



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 26 ta' Mejju 2015
(OR. en)

9144/15

DEVGEN 78
RELEX 415
ACP 82
FIN 377

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Rapport Annwali tal-2015 għall-Kunsill Ewropew dwar il-Miri tal-UE ta' Għajnuna għall-Iżvilupp - Konklużjonijiet tal-Kunsill

Fil-laqgħa tiegħu tas-26 ta' Mejju 2015, il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet tal-Kunsill kif jinsabu fl-Anness għal din in-nota.

Konklużjonijiet tal-Kunsill

Rapport Annwali tal-2015 għall-Kunsill Ewropew dwar il-Miri tal-UE ta' Għajnuna għall-Iżvilupp

1. Il-Kunsill jilqa' l-pubblikazzjoni mill-Kummissjoni tal-informazzjoni preliminari dwar l-Għajnuna Uffiċjali tal-UE għall-Iżvilupp ¹ (ODA) tal-2014, li tanalizza t-tendenzi fir-rigward tal-impenji kollettivi u individwali għall-ODA ². Il-Kunsill jenfasizza li l-ODA hija element importanti u katalitiku fil-finanzjament ġenerali disponibbli għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw li huma l-aktar fil-bżonn.
2. Fis-17 ta' Ġunju 2010 il-Kunsill Ewropew talab lill-Kunsill jagħmel rapport annwali dwar l-impenji tal-UE u tal-Istati Membri u l-għoti tagħhom tal-ODA. Dan huwa l-ħames rapport ta' dan it-tip li għandu jiġi ppreżentat lill-Kunsill Ewropew.

¹ http://europa.eu/rapid/press-release_IP-15-4747_en.htm u http://europa.eu/rapid/press-release_MEMO-15-4748

² Konklużjonijiet tal-Presidenza, Kunsill Ewropew tas-16 u s-17 ta' Ġunju 2005 (dok. 10255/1/05) u Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 u l-11 ta' Novembru 2008 (dok. 15480/08). Ara l-Anness għall-Impenji.

3. B'kont meħud ta' dan ta' hawn fuq, il-Kunsill jixtieq jirrapporta l-elementi li ġejjin lill-Kunsill Ewropew:
- a. Fl-2014, u minkejja l-limitazzjonijiet baġitarji kontinwi minħabba l-kriżi li għaddejja, l-ODA kollettiva tal-UE żdiedet għal EUR 58.214 biljun minn EUR 56.894 biljun fl-2013 fejn żdiedet għat-tieni sena konsekuttiva u laqgħet l-oġġla livell nominali tagħha s'issa. L-ODA kollettiva tal-UE laqgħet iż-0.42% tad-dħul nazzjonali gross (DNG) tal-UE³. L-ODA totali tal-Istati Membri tal-UE waħedhom żdiedet minn EUR 54,021 biljun fl-2013 għal EUR 56,147 biljun fl-2014, li baqgħet dik stabbli ta' 0.41% tad-DNG.
 - b. L-UE żammet il-pożizzjoni tagħha bħala l-akbar donatur globali tal-ODA (ara l-Figura 1), li għal darb'oħra tirrappreżenta aktar min-nofs it-total tal-ODA għal pajjiżi li qed jiżviluppaw kif irrapportat lill-Kumitat għall-Għajnuna fl-Iżvilupp (DAC) tal-OECD. L-ODA globali mid-donaturi tal-OECD/DAC kienet ta' EUR 101.9 biljun fl-2014 daqs ir-rekord ta' EUR 101.8 biljun fl-2013, għalkemm immarkat tnaqqis ta' 0.5 % f'termini reali ta' USD. L-ODA tal-OECD/DAC bħala sehem tad-DNG tal-pajjiżi tad-DAC baqgħet dik ta' 0.29%.

³ L-ODA kollettiva tal-UE hija s-somma tal-ODA mill-Istati Membri tal-UE u l-parti tal-ODA pprovduta mill-istituzzjonijiet tal-UE li mhix attribwita lill-Istati Membri. Il-biċċa l-kbira tal-infiq tal-istituzzjonijiet tal-UE fuq l-ODA hija, għall-għanijiet tar-rappurtar dwar l-ODA/DNG, attribwita lill-Istati Membri tal-UE, jiġifieri d-data tal-Istati Membri tinkludi parti mill-infiq tal-istituzzjonijiet. L-ODA pprovduta permezz tar-riżorsi proprji (EUR 2.9 biljuni fl-2013) tal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) mhix attribwita lill-Istati Membri u hija addizzjonali għall-ODA tal-Istati Membri. L-ODA kollettiva tal-UE żdiedet bi 2.4 % mill-2013 u rrappreżentat 0.42 % tad-DNG tal-UE fl-2014, tnaqqis marġinali minn 0.43 % fl-2013 minħabba [bidliet fil-mod kif id-DNG ġie kkalkulat mill-biċċa l-kbira tal-Istati Membri](#). Mingħajr dawn il-bidliet, kienet tilħaq iż-0.44 %.

- c. Iċ-ċifri ta' hawn fuq jirriflettu l-prestazzjoni mħallta tal-Istati Membri tal-UE. Għaxar Stati Membri żdiedu b'aktar minn 0.01 % u sebgħa żammew il-livelli tagħhom ta' ODA/DNG. 11-il Stat Membru esperjenzaw tnaqqis fil-livelli tagħhom ta' ODA/DNG ta' aktar minn 0.01%. Erba' Stati Membri tal-UE qabżu l-limitu massimu tal-ODA/DNG ta' 0.7% (Ara l-Figura 2 u t-Tabella 1).
- d. L-istimi tal-Istati Membri stess u tal-Kummissjoni juru li l-ODA kollettiva tal-UE x'aktarx li tiżdied għal 0.44 % tad-DNG fl-2015. Biex jilhqqu l-mira kollettiva tal-UE ta' 0.7% tad-DNG sal-2015, l-UE u l-Istati Membri tagħha jkollhom jimmobilizzaw ammont addizzjonali ta' madwar EUR 38.58 biljun (ara l-Figura 1 u t-Tabella 1).
4. Il-Kunsill jistenna bil-ħerqa valutazzjoni aktar sħiħa tal-prestazzjoni tal-UE fir-Rapport tal-2015 dwar ir-Responsabbiltà tal-UE rigward il-Finanzjament għall-Iżvilupp⁴ u jilqa' t-trasparenza pprovduta mill-proċess annwali ta' responsabbiltà li jipprovdi dimostrazzjoni fattwali tal-progress tal-UE fuq il-finanzjament għall-iżvilupp.
5. Fid-dawl tad-diskussjonijiet internazzjonali li għaddejjin, il-Kunsill jafferma mill-ġdid it-tmexxija u l-impenn politiċi tiegħu għall-għajnuna għall-iżvilupp tal-UE, filwaqt li jinnota li l-kooperazzjoni għall-iżvilupp għadha prijorità ewlenija għall-UE, u jistenna bil-ħerqa li jissoktaw in-negozjati bi tħejjija għat-tielet Konferenza tan-NU dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp f'Addis Ababa, kif ukoll għas-summit tan-Nazzjonijiet Uniti għall-adozzjoni tal-aġenda għall-iżvilupp għal wara l-2015 fi New York u l-21 Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima f'Diċembru f'Pariġi.

⁴ Definit fil-Konferenza Internazzjonali tan-Nazzjonijiet Uniti ta' Marzu 2002 dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp (Kunsens ta' Monterrey) u żviluppat aktar fil-Konferenza ta' Analiżi tal-2008 (Dikjarazzjoni ta' Doha), huwa jinkludi fost l-oħrajn il-mobilizzazzjoni ta' riżorsi domestiċi u s-sostenibbiltà tad-djun, l-investiment dirett barrani u aktar involviment tas-settur privat, flussi privati oħrajn bħar-rimessi tal-migranti, l-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp u finanzjament ieħor għall-isfidi globali, il-finanzjament innovattiv u kwistjonijiet sistemiċi internazzjonali.

6. F'dan il-kuntest, il-Kunsill itenni wkoll l-approċċ komprensiv u integrat tiegħu għall-mobilizzazzjoni ta' finanzjament u mezzi oħrajn ta' implimentazzjoni mis-sorsi (pubbliċi/privati, nazzjonali/internazzjonali) u l-atturi kollha disponibbli b'appoġġ għall-iżvilupp sostenibbli tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, inkluż permezz ta' sorsi u strumenti innovattivi ta' finanzjament, kif ukoll mekkaniżmi għall-monitoraġġ tar-riżultati tiegħu.
-

Impenji u Miri Eżistenti tal-UE għall-ODA

0.7% tal-ODA/DNG (Konklużjonijiet tal-Kunsill, 24 ta' Mejju 2005 (dok. 9266/05, paragrafu 4.)

'Iżjed ODA hija meħtieġa b'mod urġenti sabiex jinkisbu l-MDGs (Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju) ... l-UE taqbel ma' mira kollettiva ġdida tal-UE ta' ODA/DNG ta' 0.56 % sal-2010, li għandha tirriżulta f'EUR 20 biljun tal-ODA annwali addizzjonali sa dak iż-żmien.

(i) L-Istati Membri, li għadhom ma laħqux livell ta' ODA/DNG ta' 0.51%, jimpenjaw ruħhom li jilhqqu, fi ħdan il-proċessi ta' allokazżjoni tal-baġit rispettiv tagħhom, dak il-livell sal-2010, filwaqt li dawk li huma diġà 'l fuq minn dak il-livell jimpenjaw ruħhom li jsostnu l-isforzi tagħhom;

(ii) L-Istati Membri li ssieħbu mal-UE wara l-2002, u li ma laħqux livell ta' ODA/DNG ta' 0.17%, għandhom jagħmlu ħilithom biex iżidu l-ODA tagħhom biex, fil-proċessi tal-allokazżjoni tal-baġit rispettiv tagħhom, jilhqqu dak il-livell sal-2010, waqt li dawk li diġà jinsabu 'l fuq minn dak il-livell jimpenjaw ruħhom li jsostnu l-isforzi tagħhom.

(iii) L-Istati Membri jimpenjaw ruħhom li jiksibu l-mira ta' ODA/DNG ta' 0.7% sal-2015 filwaqt li dawk li kisbu dik il-mira jimpenjaw ruħhom li jibqgħu 'l fuq minn dik il-mira; l-Istati Membri li ssieħbu mal-UE wara l-2002 ser jagħmlu ħilithom biex iżidu l-ODA/DNG tagħhom għal 0.33% sal-2015.'

Afrika (Konklużjonijiet tal-Kunsill, 24 ta' Mejju 2005 (dok. 9266/05), paragrafu 22.)

'L-UE ser iżżid l-assistenza finanzjarja tagħha għall-Afrika Sub-Saħarjana u ser tippovdi kollettivament minn tal-inqas 50% taż-żieda miftehma tar-riżorsi ODA lill-kontinent filwaqt li tirrispetta bis-sħiħ il-prijoritajiet tal-Istati Membri individwali fir-rigward tal-assistenza għall-iżvilupp.'

LDC (Konklużjonijiet tal-Kunsill, 31 ta' Marzu 2011 (Dok.7813/11), paragrafu 10)

'... l-UE tirriafferma l-impenn tagħha, fil-kuntest tal-impenn ġenerali tal-ODA msemmi hawn fuq, li tilħaq b'mod kollettiv il-mira ta' 0.15 sa 0.20% tal-PNG għal-LDCs⁵.

⁵ Impenn oriġinali fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 u l-11 ta' Novembru 2008 (dok. 15480/08).

Figure 1




Figura 2




Tabella 1: ODA-2012-2015 tal-UE

Stat Membru	2012		2013		2014 (preliminari)		2015 (projettati)		Impenn għall-2015		Diskrepanza finanzjarja tal-2015	
	EUR Mn	% DNG	EUR Mn	% DNG	EUR Mn	% DNG	EUR Mn	% DNG	EUR Mn	% DNG	EUR Mn	% DNG
Awstrija	860	0.28	882	0.27	863	0.26	834	0.25	2,356	0.70	1,522	0.45
Belġju	1,801	0.47	1,732	0.45	1,797	0.46	1,772	0.43	2,862	0.70	1,090	0.27
Bulgarija	31	0.08	37	0.10	32	0.08	38	0.09	137	0.33	98	0.24
Kroazja	15	0.03	32	0.07	49	0.11	49	0.12	217	0.33	168	0.21
Ċipru	20	0.12	15	0.10	15	0.10	13	0.08	56	0.33	43	0.25
Repubblika Ċeka	171	0.12	159	0.11	158	0.11	148	0.10	486	0.33	338	0.23
Danimarka	2,095	0.83	2,205	0.85	2,258	0.85	2,379	0.87	2,740	1.00	361	0.13
Estonja	18	0.11	23	0.13	28	0.15	26	0.13	65	0.33	39	0.20
Finlandja	1,027	0.53	1,081	0.54	1,232	0.60	1012	0.49	1,458	0.70	446	0.21
Franza	9,358	0.45	8,543	0.41	7,817	0.36	9349	0.42	15,493	0.70	6,144	0.28
Ġermanja	10,067	0.37	10,717	0.38	12,247	0.41	13,121	0.43	21,406	0.70	8,284	0.27
Greċja	255	0.13	180	0.10	187	0.11	158	0.09	1,294	0.70	1,136	0.61
Ungerija	92	0.10	97	0.10	118	0.12	126	0.13	333	0.33	206	0.20
Irlanda	629	0.47	637	0.46	610	0.38	602	0.37	1,131	0.70	529	0.33
Italja	2,129	0.14	2,584	0.17	2,519	0.16	2,660	0.16	11,436	0.70	8,776	0.54
Latvja	16	0.08	18	0.08	19	0.08	19	0.08	83	0.33	64	0.25
Litwanja	40	0.13	38	0.11	30	0.09	31	0.08	125	0.33	93	0.25
Lussemburgu	310	1.00	323	1.00	322	1.07	323	1.06	304	1.00	(19)	(0.06)
Malta	14	0.23	14	0.20	16	0.20	15	0.19	26	0.33	11	0.14
In-Netherlands	4,297	0.71	4,094	0.67	4,200	0.64	3,953	0.59	4,652	0.70	699	0.11

Polonja	328	0.09	355	0.10	329	0.08	498	0.12	1,325	0.33	827	0.21
Portugall	452	0.28	368	0.23	316	0.19	306	0.17	1,227	0.70	920	0.53
Rumanija	111	0.08	101	0.07	151	0.10	161	0.11	505	0.33	344	0.22
Repubblika Slovakka	62	0.09	65	0.09	61	0.08	77	0.10	252	0.33	175	0.23
Slovenja	45	0.13	46	0.13	46	0.13	45	0.12	124	0.33	78	0.21
Spanja	1,585	0.16	1,789	0.18	1,427	0.14	1,782	0.17	7,523	0.70	5,740	0.53
Svezja	4,077	0.97	4,389	1.01	4,690	1.10	4,441	1.00	4,441	1.00	-	-
Renju Unit	10,808	0.56	13,498	0.71	14,612	0.71	16,830	0.70	16,830	0.70	-	-
Total tal-UE15	49,749	0.42	53,021	0.44	55,094	0.43	59,522	0.45	95,150	0.72	35,629	0.27
Total tal-UE13	964	0.10	1,000	0.10	1,053	0.10	1,248	0.11	3,733	0.33	2,485	0.22
Total tal-UE28	50,713	0.39	54,021	0.41	56,147	0.41	60,770	0.42	98,883	0.69	38,113	0.27
ODA tal-Istituzzjonijiet tal-UE	13,669		11,995		12,139							
<i>li minnha:</i>												
<i>Attribwiti lill-Istati Membri</i>	9,125		9,122		10,072							
<i>Mhux attribwiti lill-Istati Membri</i>	4,544	0.04	2,873	0.02	2,067	0.02	2,338	0.02				
ODA Kollettiva tal-UE ⁽²⁾	55,257	0.43	56,894	0.43	58,214	0.42	63,108	0.44				

Diskrepanza bejn l-ODA kollettiva tal-UE tal-2014 u l-mira tal-ODA kollettiva tal-UE tal-2015 (0.7%)

Mira f'EUR Miljun 96,796

Diskrepanza f'EUR Miljun 38,582

Nota: (1) Inkonsistenzi ċari fit-tabella huma minħabba l-approssimazzjoni għal żewġ punti deċimali

(2) Inkluzja l-ODA tal-istituzzjonijiet tal-UE mhux attribwita lill-Istati Membri. Il-kaxxi bil-kulur huma stimi tal-Kummissjoni. ODA = għajjnuna uffċjali għall-iżvilupp. Il-gvern Daniż impenja ruħu għall-mira ta' ODA/DNG ta' 1% iżda ma stabbilixxiex skeda ta' żmien fissa biex jilħaqha.

ODA kollettiva tal-UE hija s-somma tal-ODA rrapportata mill-istituzzjonijiet tal-UE u mill-Istati Membri. Din tinkludi EUR 2.0 biljun ta' self ta' ODA tar-riżorsi proprji tal-Bank Ewropew tal-Investiment (2014) li mhumiex attribwiti lill-Istati Membri tal-UE u huma addizzjonali għat-**Total UE28** (ara n-nota 3 ta' qiegħ il-paġna).

Sorsi:

- Għaċ-ċifri tal-1995 – 2014

- o għall-membri tal-OECD: OECD/ DAC.

- o għall-Istati Membri tal-UE mhux membri tal-OECD: OECD/ DAC fejn disponibbli, inkella d-data tal-Istati Membri. Id-data għal Ċipru hija stmata bl-istess volum u proporzjon tad-DNG fl-2013, minħabba li ċ-ċifri tal-2014 għadhom mhumiex disponibbli.

- o Iċ-ċifri ODA 2014 huma preliminari.

- Għaċ-ċifri tal-2015, is-simulazzjoni tal-Kummissjoni hija bbażata fuq:

- o Estimi tal-ODA tal-Istati Membri meta disponibbli,

- o Projezzjonijiet tal-Kummissjoni bl-użu ta' rata komposta ta' tkabbir annwali tal-ODA għall-2008-2013 meta l-Istati Membri ma pprovdewx estimi tal-ODA.

- o Projezzjonijiet uffiċjali tad-DNG tal-UE mill-bażi tad-data makroekonomika annwali (AMECO) tal-Kummissjoni Ewropea."